

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9211 — Transdigm Group/Esterline Technologies)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 57/14)

1. Fl-4 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżzi li ġejjin:

- Transdigm Group Incorporated (“Transdigm”, l-Istati Uniti tal-Amerika),
- Esterline Technologies Corporation (“Esterline”, l-Istati Uniti tal-Amerika)

Transdigm takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Esterline kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabba fl-10 ta' Ottubru 2018.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżzi kkonċernati huma:

- Transdigm: id-disinn, il-produzzjoni u l-provvista ta' komponenti, sistemi u sottosistemi ajruspazjali mibnija. Il-prodotti tagħha jintużaw kemm fuq ajrplani kummerċjali kif ukoll dawk militari.
- Esterline: id-disinn, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti b'inġinerijsa għolja, prinċipalment għall-klijenti ajruspazjali u tad-difiża. Il-prodotti tagħha jintużaw ukoll fis-settur ferrovjarju, mediku, fil-logħob tal-azzard u f-industriji oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi spesifikata:

M.9211 — Transdigm Group/Esterline Technologies.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).